# 600 sena parroċċa

Jikteb Michael Pace Ross

Meta twaqqfu l-ewwel parroċċi f'Malta wara dawk ta' l-Imdina, ir-Rabat u l-Birgu fl-1436, kien rappurtat li kien hemm għaxra u 'l quddiem tnaqqsu għal tmienja. Imma minn dawn il-parroċċi Birkirkara biss hi magħrufa li kienet diġa parroċċa fl-1402, jiġifieri eżatt 600 sena minn dis-sena. Mbagħad fl-1630 il-parroċċa ta' Birkirkara saret Kolleġġjata u din ħadet preċendenza fuq il-parroċċi l-oħra, anke fuq dawk ta' bliet *de* facto bħall-Isla u Bormla. Dan baqa' jkun osservat tul il-perjodu kollu ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Mbagħad, matul il-ħakma qasira tal-Franċiżi f'Malta kienu twaqqfu għadd ta' muniżipalitajiet. Birkirkara kienet il-lokalita' ewlenija u l-akbar waħda fil-muniċipalita tagħna li kienet tinkludi wkoll ħ' Attard, Ħal-Lija u Ħal Balzan. Dawn il-muniċipalitajiet spiċċaw mal-qawma tal-Maltin kontra l-Franċiżi f'Settembru ta' l-1978. F'dan il-perjodu nsibu lil Birkirkara, taħt it-tmexxija qalbiena ta' Vincenzo Borg Brared, tieħu sehem mill-aktar importanti f'kulma kien jiġri, sew fl-imblokk, sew fl-azzjonijiet militari u anke fil-ħidmiet ta' l-Assemblea tal-Mexxejja tal-Maltin.

Il-battaljun ta' Birkirkara, immexxi minn Vincenzo Borg, kien jgħasses lill-Franċiżi magħqudin fl-ibliet u l-fortijiet ta' madwar il-portijiet fin-naħa kollha tal-Punent, jiġifieri minn tal-Pieta sa tas-Sliema. Kellu wkoll fi ħsiebu l-ħarsien tal-kosta kollha tat-Tramuntana, jiġifieri minn Tas-Sliema sal-Mellieħa, inkluża l-bajja ta' San Pawl il-Baħar li kienet saret il-port tal-Maltin għat-tul ta' żmien ta' l-imblokk.

Bejn l-1839 u l-1896 saret riforma oħra fit-tmexxija ċivili lokali u nħolqu distretti mmexxijin minn sindki. Birkirkara reġgħet kienet il-lokalita ewlenija ta' dan id-distrett u s-Sindku kellu r-residenza tiegħu hawnhekk. F'dan id-distrett, ma' Birkirkara, kien hemm ukoll Ħ' Attard, Ħal Lija u Ħal Balzan.

Birkirkara ħadet importanza staordinarja temporanjament matul it-Tieni Gwerra Dinjija. L-ewwelnett laqgħat fiha eluf ta' refuġjati mill-ibliet ta' madwar il-portijiet li ġew hawnhekk biex jaħarbu mill-ħbit ta' l-ajru. Hekk il-popolazzjoni tal-lokalita` - li bħala estenzjoni mibnija dak iż-żmien kienet tinkludi prattikament dak li llum hi magħrufa bħala l-*village core* u xi toroq lejn Fleur-de-Lys u lejn Brared - skond xi kalkoli kien hemm fiha 4,000 ruħ, u anke, skond xi wħud, sa 50,000 persuna.

F'Birkirkara kienu twaqqfu sptarijiet fi skejjel li kien hawn. Kienu trasferiti wkoll diversi dipartimenti tal-Gvern u kien sab post ukoll f'Birkirkara s-Seminarju. Il-qrati u l-kwartieri Ġenerali tal-Pulizija kienu prattikament bieb u għatba ma' Birkirkara. Minħabba f'hekk matul dawk is-snin kruċjali Birkirkara kienet magħrufa bħala *Malta's emergency capital.*

Bl-iżvilupp urbanistiku li hawn f'Birkirkara llum, daqs erba' darbiet dak li kienet fi żmien il-gwerra, ried ikun fis-snin tmenin tas-seklu li għadda biex il-popolazzjoni hawnhekk taqbeż l-20,000 ruħ. Fil-fatt hawn 22, 264 resident ġewwa Birkirkara. Minn Birkirkara ħarġu diversi rħula oħra, fosthom tas-Sliema, San Ġiljan, il-Gżira, l-Imsida, Ta' Xbiex, il-Ħamrun, Santa Venera, San Ġwann, is-Swieqi u l-Iklin.

Nixtiqilkom il-festa t-tajba f'ismi u f'isem il-kunsill ta' Birkirkara.